QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dottor Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 11 T'APRIL, 2002

APPELL NRU. 209/2001

IL-PULIZIJA.

(Spettur Mario Buttigieg)

vs.

ANTHONY CHIRCOP

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat appellat Anthony Chircop talli fi Triq San Gorg f' San Giljan , fis-17 ta' Lulju, 2000 ghall-habta tal-1:OO hrs. I. saq vettura numru CAF 295 b'manjiera traskurata ; 2. saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza ; 3. saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu u 4. saq l-istess vettura meta ma kienx liebes xieraq (Sec. 338(q) Kap.9)
u dana ai termini tal-art. 15 (1) (a) (2) , 18 (2) Kap. 65 u MVR 127 , bit-talba tal-Presekuzzjoni li l-imputat appellant jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-periodu ta' mhux inqas minn tlitt xhur

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru, 2001 li biha illiberat lill-imputat appellat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu , wara li qalet li dik kienet kawza sommarja u ghalhekk kellhom seduta stante jitresqqu l-ahjar provi u illi ghalkemm hu lodevoli l-fatt li l-kuntistabbli gab anki note book fejn rega' ikkopja il-prime note fuqu , pero' ma ingabux il-prime note originali , biex b'hekk setghu jigu kkontrollati , allura jibqa' id-dubju ta' dak li hu fil-fatt seta' kkopja meta ha l-prime note originali , kif sollevat mill-avukat difensur u tali dubju ghandu jmur favur l-akkuzat.

Rat in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-12 ta' Novembru, 2001 li biha talab li dik il-Qorti tibghat kopja tas-sentenza u tal-atti lill-Avukat Generali ghall-fini t'appell minnha.

Rat ir-Rikors tal-Appell tal-Avukat Generali pprezentat tat-22 ta' Novembru, 2001 fejn talab li din il-Qorti thassar , tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata , u minnflok , wara li jinstemghu il-provi , issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawk l-akkuzi u tinfliggi il-piena skond il-ligi , inkluza l-iskwalifika temporanja tal-appellat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan kif mitlub mill-prosekuzzjoni.

Qieset l-aggravji dedotti fl-istess rikors tal-appell li fil-qosor huma li l-ewwel Qorti illiberat bla ma tat ebda opportunita' lill-Prosekuzzjoni sabiex tipproduci l-prime note originali , kif inaspettatament talbet id-Difiza u dana minkejja li il-Prosekuzzjoni insistiet li tinghata tali opportunita' . Inoltre il-Qorti setghet tevalwa ix-xhieda ta' PC Sheldon li ma esprima ebda dubju dwar jekk il-kontenut tad-diary kienx fidili lejn il-kontenut tal-prime note. Il-Qorti cahdet lill-Prosekuzzjoni l-opportunita'li tressaq lil PC 978 Godwin Abela meta l-Prosekuzzjoni ma kienetx ghada iddikjarat li ma kellhiex provi. Il-fatt li ghandha tingieb l-aqwa prova ma jfissirx li prova sekondarja mhux ammissibbli.

Rat ir-risposta tal-imputat appellat minnu prezentata fil-25 ta' Jannar, 2002 ;

Regghet semghet ix-xhieda kollha mill-gdid , semghet it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u l-abbli difensur;

Ikkunsidrat ;

Illi l-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell taghha iddikjarat li qed tintavola l-appell odjern kemm ai termini tal-art. 413 (1) (b) (vi) tal-Kodici Kriminali u cioe is-sub-inciz li jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali meta l-Pulizija ikunu gew impeduti fil-kawza li jgibu xi prova li tkun indispensabbli biex issahhah l-akkuza u li skond il-ligi setghet tingieb u kif ukoll ai termini tal-art. 26 (Sic!) tal-Kap. 65 .Hawn ovvjament kien hemm xi lapsus calami fl-abbozzar tar-rikors tal-appell ghaliex l-artikolu tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku li jaghti dritt lill-Avukat Generali li jappella quddiem din il-Qorti minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati dwar procedimenti fuq akkuzi li jinqalghu mid-dispozizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza , huwa l-artikolu 63 u mhux l-artikolu 26 .

F'kull kaz pero ' din il-Qorti taghraf u tifhem li skond il-Ligi l-Avukat Generali dejjem ghandu dritt ta' appell taht il-Kap.65 u ma hemmx ghalfejn li hu isemmi l-artikolu fir-rikors tieghu biex ikollu dan id-dritt li tatih il-ligi f'kull kaz. U ghalkemm hu rakkomandabbli li ladarba jigi citat artikolu , jigi citat sew , dan l-izball fil-parti preliminari tar-rikors ma ghandux iwassal biex r-rikors tal-appell jigi dikjarat null in kwantu hu bazat fuq il-Kap.65 .

Illi dwar id-dritt ta' appell bazat fuq l-art. 413 (1) (b) (vi) jigi precizat li l-aggravju li l-ewwel Qorti cahhdet lill-Prosekuzzjoni mill-produzzjoni tax-xhud PC 978 Abdilla mhux fondat ghax ghalkemm dan ix-xhud ma jidhirx li xehed fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2001 , kien gja xehed f'seduta precedenti tad-19 t'Ottubru, 2001 . Illi dwar l-aggravju li l-Qorti ma tatx lil P.C. Sheldon l-opportunita' li f'seduta ohra igib il-"prime note" tieghu li ma kienux fuqu , dak in-nhar li xehed fl-1 ta' Novembru, 2001, meta dan id-dokument kienet talbitu id-Difiza seduta stante, jidher li dan l-aggrvju fit-teorija huwa fondat u kien il-kaz li l-ewwel Qorti , fic-cirkostanzi kif zvolgew ruhom , tati differiment biex ix-xhud f'seduta ohra igib dad-dokument . Jintqal pero' li dan hu biss fondat in teorija, ghaliex mid-depozizzjoni ta' P.C. 670 Walter Sheldon moghtija quddiem din il-Qorti , dawk in-noti li hu jiehu waqt il-hin tal-incident, kien jiktibhom fuq karta u meta jmur l-ghassa kwarta wara jiktibhom fuq id-diary u ma jzommhomx ghax iqattaghhom. Ghalhekk f'kull kaz dan id-dokument li talbet id-difiza u mhux il-Prosekuzzjoni qatt ma kien producibbli u ma seta' qatt jghin l-andament fl-ewwel listanza . Ghalhekk in effetti bil-fatt li l-ewwel Qorti ma ikkoncedietx differiment - differiment li wara kollox ma jidhirx mill-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru , 2001 li il-Prosekuzzjoni talbet jew insistiet ghalih kif suppost sar mill-ufficjal prosekutur - il-prosekuzzjoni ma gietx b'ebda mod imcahhda minn xi dritt li tressaq prova indispensabbli u ammissibbli skond il-ligi , ghax issa irrizulta wara kollox li din il-prova lanqas biss kienet ghadha tezisti meta intalbet quddiem l-ewwel Qorti .

Ghalhekk dan l-appell tal-Avukat Generali , fic-cirkostanzi kif svolgew ruhom jista' biss ireggi u ghandu ireggi taht dak li jipprovdi l-art. 63 tal-Kap.65 , dejjem bl-applikabilita' tal-istess appell ghar-reati l-ohra li bihom kien akkuzat l-appellant , u li ma jaqghux taht il-Kap.65 , skond l-art. 413 (1A) tal-Kap. 9, jekk dawk ir-reati ikollhom x'jaqsmu ma dawk taht il-Kap. 65 . Fil-kaz in ezami pero' ir-reat kontravvenzjonali kontemplat taht ir-raba akkuza ta' ilbies mhux xieraq ma jaqax taht l-estremi ta' dan l-artikolu 413 (1A) tal-Kap.9 u ergo il-liberazzjoni minnu ma hix appellabbli .

Illi wara li zgumbrat dan it-terren procedurali il-Qorti issa ser tghaddi biex tidhol fil-mertu tal-kawza u tara jekk mill-provi mismugha jirrizultawx ir-reati dedotti kontra l-appellat .

Ikkunsidrat ,

Illi PC 670 Walter Sheldon xehed li fid-data u l-hin dedott fl-akkuzi hu kien duty fil-bajja ta' San Gorg u

ra vettura gejja bi speed veloci hafna u accelerazzjoni . Din kienet Hyundai numru CAF 295 hamra u kienet gejja mill-faccata taqsam il-bajja kollha u n-nies li kien hemm mexjin lejn it-tela' tal-bajja kellhom jersqu fil-gemb billi l-karozza kienet gejja bi speed eccessiv ghax kien hemm karozzi ipparkjati fuq iz-zewg nahat . Kienet addirittura ser tolqotlu saqajh u l-kuntistabbli xehed li kellu jgholli saqajh ghax kieku laqtu . Id-driver kien minghajr t-shirt. Waqaf , nizel , kien b'zaqqu barra u kien hemm tifel mieghu. Hu gharaf lid-driver bhala l-appellat Anthony Chircop . Kien mexa ghaxar metri qabel ma waqaf . L-unici noti tal-incident li ghandu huma dawk li ittraskriva fid-diary tieghu meta mar l-ghassa u li gab mieghu u wera lil Qorti. L-imputat kien telaq mill-faccata tal-bajja fejn wara ix-xhud skopra li kien joqghod u accellera sakemm waqaf ghaxar metri warajh . Ghad-domanda in kontroezami it-tyres werzqux mall-ibbrejkjar , ix-xhud irrisponda "it-tyres instemghu iva". Hu kien fuq il-lemin tat-triq li minnha kien ghaddej l-appellat u P.C. Abdilla kien fuq in-naha l-ohra tat-triq man-naha tal-bahar u meta umbaghad hu kien waqqaf lill-appelat, dan gie hdejh jghinu .

Illi fis-sustanza P.C. Sheldon huwa korroborat minn PC 978 Godwin Abdilla li xehed li dak il-hin kienu hergin in-nies mit-talkies u hu ra karozza gejja min-naha ta' Andrew's Bar tghaqqad ir-roti . P.C. Sheldon ghamillu sinjal u dan saq ghal fuqu . Waqqfuh daqxejn il-boghod , hdejn il-kantuniera fejn PC Sheldon hadlu il-particulars. Id-driver kien b'zaqqu barra u liebes shorts jew malja . Meta kellu jieqaf u ghafas il-brake , il-brake ghamel hoss. Gharaf lill-appellat fl-awla bhala d-driver in kwistjoni. Hu sostna li kien vicin P.C. Sheldon meta gara l-incident . Hu kien fejn il-villa tal-Imhallef Borg Costanzi u Sheldon kien man-naha l-ohra opposta ghan-naha tal-bahar pero' hu ma kienx fuq in-naha tal-bahar . L-appellat irriversja meta Sheldon baghtu jilbes il-flokk .

L-appellat iddepona li lil P.C. Abdilla qatt ma rah dak in-nhar .Hu kien telaq mis-Swieqi , kien nizel minn-naha tal-Corinthia biex jipparkja biex jidhol id-dar . Ma kienx hemm parkjing allura ghadda bil-mod biex isib parking . Fil-car kellu lil missieru u hu kien liebes t-shirt bi tlitt buttuni u jeans. Kien niezel b' xi 30 kfs u baqa' ghaddej lejn id-dar tal-ex Imhallef Borg Costanzi u kien ghaddej b'sewqan normali ghax peress li hemm kien mimli nies, ma tistax issuq. Cahad li hu werzaq ir-roti . Sab parking u gie biex jirriversja u x'hin qed jirriversja gie l-Pulizija u qallu "Dan is-sewqan kollu." Sostna li kien liebes u anki missieru kien liebes . Mhux tifel kellu mieghu imma lil missieru. Hu kien wiegeb lill-Pulizija ghad-domanda retorika li kien ghamillu bil-kliem : "X'sewqan?" Lill-kuntistabbli li kien waqqfu ma kienx jafu qabel u ma kienx imqabbad mieghu.

Missier l-appellat Charles Chircop xehed li kien riekeb ma ibnu fil-car u ma sabux post fejn id-dar taghhom . Ibnu kellu t-shirt bajda u erba buttuni , hamsa, u hu stess kien liebes bil-glekk ghax kien gej minn bicca xoghol f' St. Andrews. Kienu nizlu fil-bajja b' xi 30 kfs u ma setghux jipparkjaw u sabu post ftit 'l isfel mid-dar tal-Imhallef Borg Costanzi u kif qed jipparkjaw gie il-Pulizija 670 u qal lill-appellat : "Hekk tipparkja? Hekk issuq ? L-appellat wiegbu : "Mhux nipparkja qieghed ?" Umbaghad ordnalu johrog mill-car u hareg u qaghdu jitkellmu quddiem il-karozza. Ma kienx hemm Pulizija iehor. In kontroezami cahad li kienu ghagglu biex jilhqu xi post fejn jipparkjaw Kien ra lill-Pulizija li waqqafhom x' hin waqqafhom u quddiem il-karozza . Kienu qed jipparkjaw u gie fuqhom.

Ikkunsidrat ,

Illi bir-rispett ghall-ewwel Qorti , il-motivazzjoni li adduciet biex illiberat lill-appellat u cioe' ghax P.C. Sheldon ma kellux fuqu seduta stante l-hekk imsejjha "prime note" tieghu , din il-Qorti ma taqbilx maghha , ghax hu ma kellu ebda obbligu legali li jgib in-noti mieghu . Jekk hu irrefera ghan-notamenti li kien ittraskriva fid-diary tieghu waqt li kien qed jixhed quddiem l-ewwel Qorti , l-aktar li setghet iggieghlu jaghmel l-ewwel Qorti kien li jesebixxi dawn in-noti traskritti li ghalkihom kien qed jaghmel riferenza skond l-art. 583 tal-Kap.12 rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali u mhux li jigi ordnat li jgib l-original li hu ma kienx qed jirreferi ghalih wara kollox. Umbaghad jekk id-difiza talbet il-produzzjoni ta' dawn in-notamenti , haga li ma tidhirex verbalizzata li saret , kien ikun logiku u bis-sens li l-Qorti takkorda zmien lix-xhud biex ikun jista' jaghmel dan u mhux tiehu l-ispunt li dawn in-noti ma kienux disponibbli dak in-nhar biex fuq hekk biss tillibera lill-appellat . Illi l-ewwel Qorti

ma illiberatx ghax kellha dubju liema versjoni temmen imma ghax fi kliemha stess : "jibqa' id-dubju ta' dak li hu fil-fatt seta' ikkopja meta ha l-prime note originali kif sollevat mill-avukat difensur u tali dubju ghandu imur a favur tal-akkuzat." Imma l-ezercizzju veru li supost sar qabel ma l-Qorti illiberat ma kienx jekk hemmx xi divergenza bejn in-noti originali li kien ha P.C. Sheldon - li issa nafu li ma kienux ghadhom jezistu - u dak li kellu fin-noti traskritti , imma jekk kellix tipprevali il-versjoni tieghu u ta' PC Abdilla fuq dik tal-imputat appellat u missieru .

Ghalhekk din il-Qorti taqbel li il-motivazzjoni ghall-liberazzjoni addotta mill-ewwel Qorti kienert wahda zbaljata . Se mai ir-raguni kellha tkun li fl-istat ta' konflitt ta' provi kellha tillibera , imma dan la intqal espressament u lanqas jidher sottintiz ghall-inqas ghal din il-Qorti .

Jibqa' ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti biex tara jekk fuq il-provi li irrizultawla viva voce f' dan l-istadju tal-process , l-akkuzi jirrizultawx sodisfacentement pruvati .

Din il-Qorti irriflettiet fit-tul u fil-waqt li tifhem il-pozizzjoni tal-appellat u ta' missieru li jiddefendu ruhom mill-addebiti maghmula fil-konfront tal-appellat , mill-banda l-ohra ma tarax li iz-zewg kontistabbli involuti kellhom xi animu u interess li jaqbdu mall-appellat kieku verament ma kienx hemm xi haga fis-sewqan tieghu li allarmathom u gibditilhom l-attenzjoni taghhom u geghlithom ihossu li kellhom jintervjenu kif fil-fatt ghamel P.C. Sheldon .

Meta wiznet il-provi u l-komportament tax-xhieda , din il-Qorti thoss li kienet aktar attendibbli fis-sustanza il-versjoni ta' P.C. Sheldon kif korroborata minn P.C. Abdilla min dik tal-imputat appellat u missieru u din il-Qorti hija sodisfatta li fis-sewqan tal-imputat appellat kien hemm nuqqas li jimmerita censura. Pero' f'liema grad ?

Kif gie citat minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tal-lum stess fil-kawza " Il-Pulizija vs. Domenic Fenech" gie dejjem ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li il-kwistjoni jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont , jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree" (Ap. Krim. Pul. vs Charles Bartolo 14.3.59; Pul. vs. Wilson , Vol. XXXIX ,p 1018 u Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV p. 933) u , kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul vs. Hardingham , 19.10. 1963). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim Pul. vs. Charles Farrugia , Vol. XXXIX , p.1018) . "Recklessness " giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim . Pul vs. Joseph Aquilina , 20.4.1963) . Invece, sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim . Pul. vs. Antonio Spiteri , VOL. XLIV p.892) .

Illi umbaghad , kif gie itenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali Pulizija vs. R. Bugeja (30.6.1962) : "speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari , izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument" .

Illi fid-dawl ta' dan kollu , il-fatt li l-appellat accelera u ghaqqad ir-roti fi triq qasira u dejqa fejn kien hemm karozzi ipparkjati maz-zewg nahat u b'hafna pedestrians jimxu 'l hawn u 'l hinn , u fejn l-istess appellant stqarr li hemm ma tistax issuq minhabba dawn ic-cirkostanzi, jikkostitwixxi sewqan b'manjiera traskurata taht l-ewwel akkuza li jassorbixxi fih ir-reat ta' giri aktar milli jmissu kontemplat fit-tielet akkuza . Ma jirrizultax pero il-grad ta' sewqan hazin li jiggustifika sejbien ta' htija ta' sewqan b'manjiera perikoluza . Dwar ir-raba akkuza ta' ilbies mhux xieraq din il-Qorti diga irriteniet li il-liberazzjoni minnha mhux appellabbli a tenur tal-art. 413 (1a) tal-Kap.9 .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament ghar-riforma tas-sentenza appellata fis-sens li tikkonferma is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-8 ta' Novembru, 2001 in kwantu sabet lill-appellat mhux hati tat-tieni akkuza ta' sewqan b'manjiera perikoluza u u tar-raba imputazzjoni li ma kienx liebes xieraq u lliberatu

minnhom u tirrevokha in kwanti sabet lill-istess appellat mhux hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza , u minnflok issib lill-appellat hati ta' dawn iz-zewg akkuzi , b'dana li it-tielet akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza , u wara li rat l-art. 15 (1) (a) u (3) tal Kap. 65, ir-Regolament 127 tal-Motor Vehicle Regulations,(A.L. 128/1994) u 17 (h) tal-Kap.9 , tikkundanna lill-appellat ghal multa ta' tletin lira Maltin (LM30) u tordna is-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-appellat ghall-periodu ta' tmint ijiem li jibdew jiddekorru mil-lum .

Paul Miruzzi
Dep Registratur